MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 797/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal- assikurata taghha Maria Dolores Buhagiar (ID 139242M) sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Caruana Paolo (ID 336633M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm301.61 (tlett mija u  Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f’incident stradali li sehh nhar il-25 ta’ Mejju 2003 gewwa l-Gzira.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u Lira wahda u wiehed u sittin centezmu (Lm30.61) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku tal-25 ta’ Mejju, 2003, fi Triq Edgar Bernard, Gzira, bejn il-vettura bin-numru DBC 734 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru MDB 013 misjuqa minn u propjeta` ta’ l-assikurata tas-socjeta` attrici Maria Dolores Buhagiar, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurata taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Ottubru, 2003, u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mit-23 ta’ Ottubru, 2003, sal-gurnata tal-hlas effetiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident;
2. Salv eccezzjonjiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa veru li l-versjonijiet tas-sewwieqa ma jaqblux – bhal ma jigri di solto f’kazijiet simili. Fil-waqt li l-attrici tallega li raw lil xulxin, waqfu hija bdiet niezla u l-konvenut rega irriversja ghal fuqha, il-konvenut kien bl-aktar mod onest u skjett ghall-ahhar. Ix-xhieda tieghu a Fol 39 hija ferm elucidanti. Ghandhu sebghin (70) sena, qed isuq Jeep Suzuki Vitara - hija vettura gholja. Hiereg minn garaxx bir-rivers, ma kellu lil hadd jaralu, ghandhu rampa gholja li ma tippermettilhux li jara vettura fit-triq, u hareg dritt ghal got-triq u habat mal-vettura attrici. Piu di cosi?

Kwalunkwe konsiderazzjoni oltre hija superfluwa. Jinghad ghal kull bon fini illi l-konvenut naqas li jadopera dawk il-mizuri elementari ta' prekawzjoni intizi biex jevitaw incidenti simili.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm 301.61 (tlett mija u Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu), bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------